

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Settembru 2010 — Productos Derivados del Acero vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-388/10)

(2010/C 301/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Productos Derivados del Acero, SA (Catarroja, Spanja) (rappreżentanti: M. B. Escuder Tella, J. Viciano Pastor, u F. Palau Ramirez, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċizzjoni kkontestata, minħabba li l-iskadenza tat-terminu ta' ħames snin previst għall-preskrizzjoni tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003;
- sussidjarjament, fl-ipoteżi fejn it-talba preċedenti ma tint-laqax, tannulla parzjalment id-deċizzjoni kkontestata inkwantu tikkunsidra li Productos Derivados del Acero, SA (PRODERAC) ipparteċipat fi ftehim li jirrestrinġu l-kompetizzjoni speċifikati fl-imsemmija deċizzjoni, kif ukoll tiddikjara li din il-kumpannija ma pparteċipatx fil-prattiki kollużivi li hija akkużata bihom;
- sussidjarjament, fl-ipoteżi fejn it-talba preċedenti ma tint-laqax lanqas, tannulla parzjalment id-deċizzjoni kkontestata inkwantu tnaqqas il-multa imposta fuq Productos Derivados del Acero, SA (PRODERAC) b'25 % biss, u tiddikjara li din il-kumpannija hija eżentata mill-multa skont il-Linji Gwida dwar il-multi tal-2006 minħabba li ġie stabbilit in-nuqqas ta' kapaċità kontributtiva tagħha;
- sussidjarjament, fl-ipoteżi fejn it-talba preċedenti ma tint-laqax lanqas, tannulla parzjalment id-deċizzjoni kkontestata inkwantu tnaqqas il-multa imposta fuq Productos Derivados del Acero, SA (PRODERAC) b'25 % biss, u tnaqqas il-multa b'75 % mill-ammont tagħha.
- tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-deċizzjoni kkontestata f'dan il-każ hija l-istess bħal dik fil-Kawża T-385/10, ArcelorMittal Wire France *et vs* Il-Kummissjoni.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi segwenti:

- (1) Motiv preliminari: preskrizzjoni tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għal Prattiki kollużivi hija preskritta wara ħames snin li jibdeu jiddekorru mill-aħħar att istrutturju li

jkun sar, u li sa mid-data finali tal-akkordju, id-19 ta' Settembru 2008, u tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, it-30 ta' Settembru 2008, il-preskrizzjoni ma ġietx interrotta.

- (2) Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-ġurisprudenza tal-qrati Komunitarji dwar l-imsemmija artikoli, sa fejn:

- ir-rikorrenti ma mmanifestatx espressament il-volontà tagħha li tipparteċipa fil-ftehim u Prattiki miftiehma, u din il-volontà ma tistax tiġi dedotta b'mod taċitu minn ċirkustanzi oħra;

- ir-rikorrenti tbiegħdet manifestament u pubblikament mill-ftehim kollużivi, sa fejn il-parteeċipazzjoni tagħha għal laqgħat ma influwenzatx l-aġir kummerċjali tagħha. F'dan ir-rigward, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-ftehim kollużivi hija l-prova li l-parteeċipazzjoni għal-laqgħat ma kellhiex influwenza fuq l-aġir tagħha fis-suq.

- (3) Applikazzjoni żbaljata tal-punt 35 tal-Linji Gwida dwar il-multi tal-2006, minħabba applikazzjoni b'analoġija ħażina tal-evalwazzjoni tad-"danni serji u irreparabbli" fil-kuntest tal-miżuri provviżorji.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2010 — SLM vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-389/10)

(2010/C 301/74)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Siderurgica Latina Martin SpA (SLM) (Ceprano, l-Italja) (rappreżentanti: G. Belotti, avukat, F. Covone, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

Preliminarjament jew prinċipalment:

tannulla d-deċizzjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4387 finali, fil-Każ COMP. 38 344 — Azzar użat għall-prestressing, adottata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2010

Sussidjarjament:

tnaqqas il-multa imposta.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-deċizzjoni kkontestata fil-proċeduri preżenti hija l-istess bħal tal-Kawża T-385/10, ArcelorMittal Wire France *et vs* Il-Kummissjoni.